**30 ta' Lulju**

**Tifkira ta'**

S. PIETRU KRISOLOGU,

ISQOF U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f'Imola, l-Emilja, għal xi s-sena 380; daħal fil-kleru lokali, u fis-sena 424 sar isqof ta' Ravenna. Kien mimli ħeġġa għall-merħla tiegħu, u għallimha bil-priedki u l-kitba. Miet għall-ħabta tas-sena 450.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ... jew tad-dutturi tal-Knisja...

Talba

O Alla, int għażilt lill-isqof San Pietru Krisologu biex b'qawwa kbira jxandar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb tiegħek; bit-talb tiegħu, agħtina li nimmeditaw bla heda l-misteri tas-salvazzjoni u bl-għemil nagħtu xhieda tal-fidi tagħna fihom. B'Ibnek.